**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 12 ta' Mejju 2022**

**Rikors Nru. 201/2019 GM**

**Polidano Brothers Limited C 8884**
**vs**
**Dimbros Limited C 32506**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Ġuramentat ta' Polidano Brothers Limited li wara li ppremettiet illi :

1. Is-soċjeta' esponenti ġiet ingaġġata mis-soċjeta' intimata sabiex tagħti servizz ta' asfaltar, u sabiex tissupplixxi materjal tal-kostruzzjoni lill-istess soċjeta' konvenuta Dimbros Limited;

2. Ix-xogħlijiet imwettqa u l-materjal supplit ammontaw għas-somma ta' EUR 36,194.82, (sitta u tletin elf, mija erbgħa u disgħin elf, tnejn u tmenin ċenteżimu) u dan kif jirriżulta wkoll skont il-fattura bin-numru 205855, datata 1-ewwel (1) ta' Awwissu 2018, kopja annessa u mmarkata Dok PP1;

3. Dan l-ammont kellu jitħallas immedjatament maċ-ċertikazzjoni tal-istess xogħol, iżda minkejja li l-istess xogħol ġie approvat mill-periti konċernati, is-soċjeta' konvenuta baqgħet moruża fil-pagament;

4. Għalhekk l-ammont preżentement dovut huwa ta' EUR 36.194.82, oltre l-imgħaxijiet u spejjeż.

5. Is-soċjeta' esponenti interpellat lis-soċjeta' konvenuta sabiex tħallas dak dovut permezz ta' ittri uffiċjali ppreżentati fil-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili hekk skont il-lista annessa Dok PP2.

6. Minkejja dawn l-interpellazzjonijiet, is-soċjeta` konvenuta baqgħet moruża u inadempjenti.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont bilanċjali ta' EUR 36,194.82, (sitta u tletin elf, mija erba' u disgħin elf, tnejn u tmenin ċenteżimu) u/jew somma verjuri li tistabilixxi din il-Qorti.

2. Tordna lis-soċjeta' konvenuta tħallas l-ammont ta' EUR 36,194.82, (sitta u tletin elf, mija erbgħa u disgħin elf, tnejn u tmenin ċenteżimu) u/jew somma verjuri li tistabilixxi din il-Qorti.

Bl-imgħaxijiet mill-1 t'Awwissu 2018 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż kollha inklużi l-ispejjeż tal-ittri uffiċjali u tal-mandat ta' sekwestru li ppreżentat mal-istess ittri uffiċjali.

Rat ir-Risposta Ġuramentata ta' Dimbros Limited C 32506 li permezz tagħha eċċepiet illi :

1. It-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' attriċi;

2. Is-soċjeta' konvenuta ngaġġat lis-soċjeta' attriċi sabiex tagħmel xogħlijiet t'asfaltar ġewwa Triq Santa Marija, Ħal Tarxien u sabiex tissuplixxi materjali ta' kostruzzjoni Triq Ġużeppi Bonanno, Ħaż Żebbuġ;

3. L-istess xogħol t'asfaltar ma sarx skont il-kundizzjonijiet maqbula bejn il-partijiet tant illi s-soċjeta' attriċi ssuplixxiet asfaltar li huwa ta' kwalita' inferjuri għal dak li ġie maqbul u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża u għalhekk l-ammont ta' €36,194.82 ma hux dovut u konsegwentament it-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda minn din l-Onorabbli Qorti;

4. Minkejja interpellazzjoni sabiex is-soċjeta' attriċi tirrimedja n-nuqqasjiet tagħha, l-istess soċjeta' attriċi baqgħet inadempjenti anzi intavolat proċeduri ġudizzjarji fil-konfront tal-esponenti inkluż mandat ta' sekwestru kawtelatorju u dan minkejja illi hija ma kinetx wettqet l-obbligi tagħha skont l-istess ftehim.

Ikkunsidrat:

L-attriċi qiegħda titlob ħlas ta' €36,194.82 għal *hot asphalt and building material* li biegħet lis-soċjeta` konvenuta skont kif jidher mill-fattura datata 1 t'Awwissu 2018, esibita bħala Dok PP1[1], ikkunsinnat, skont l-istess fattura, "*between 8/7/17 and 1/3/18".*

L-attriċi pproduċiet bħala xhud tagħha lil:

- **Paul Polidano**, direttur tagħha. Xehed in eżami li: L-konvenuta kienet klijenta regolari tiegħu iżda fl-aħħar bdiet taqa' lura fil-pagamenti u li kien baqa' l-ammont imsemmi fir-Rikors Ġuramentat. Intalab mill-konvenuta vjaġġ tarmak għal Ħal Tarxien. Wissa' li kienet ix-xita iżda xorta ħaditu. It-tarmak inqala' u mar jarah. Taha b'kemm jiswa €3,000 tarmak b'xejn biex tbiddel ix-xogħol ħażin.[2] In kontro-eżami, [3] tenna li kien wissa dwar ix-xita; u li kien taha vjaġġ wieħed li qatgħalha l-flus tiegħu. Meta ġie suġġerit lilu li meta qal lill-impjegat tal-konvenuta "minn dan tiħux" ir-raġuni kienet li l-kwalita` tat-tarmak kienet inferjuri ħdejn tas-soltu, wieġeb: "Iva, għidtlu ma baqax ramel ta' barra. Qalli agħmilli pjaċir aqdini".[4] U meta qallu li x-xogħol kien ġie ħażin xorta waħda biddilulu biex jevita l-kwistjonijiet. Meta ġie ssuġġerit lilu li kien ix-xahar t'Awwissu u t-temp kien qoxqox, wieġeb li Awwissu ma kienx żgur.

---

[1] Fol 6.
[2] fol 121
[3] 180
[4] fol 180 it-tieni faċċata

- **Kurt Manuel Debono**, impjegat mal-attriċi, li joħroġ ix-xogħol tagħha, li esebixxia l-i*statement* Dok K2D1[5] b'għadd ta' dokumenti li jikkonsistu f'għadd ta' *delivery orders* u *delivery notes* u ċjoe`:

| Delivery Order | Delivery Notes | Location jew destination | Driver | Description | Price € |
|---|---|---|---|---|---|
| 19.12.2017[6] | 2 | Gzira | Christian | "hot asphalt wearing course | 1,650.70 |
| 19.12.2017[7] | 1 | Gżira | Christian | hot asphalt wearing course | 4,758.50 |
| 15.12.2017[8] | 1 | Tarxien" | Christian | hot asphalt base course | 6,443.21 |
| 12.12.2017 | 1 | | | fine sand | €22.50 |
| 02.12.2017[9] | 1 | Iklin | Carl | hot asphalt base/wearing course | 4,659.10 |
| 28.11.2017[10] | 1 | St Luċija | Pawlu | Hot asphalt wearing course | 1,512.05 |
| 28.11.2017[11] | 2 | St Luċija | Pawlu | Hot asphalt wearing course | 3,235.99 |
| 28.11.2017[12] | 1 | St Luċija | Pawlu | Hot asphalt base course | 1,975.08 |
| 01.11.2017[13] | 1 | | | C15 s/transp cubic yard | 91.36 |
| 18.11.2017[14] | 1 | Kirkop | Carl | Hot asphalt base/wearing crse | 3,013.63 |
| 24.10.2017[15] | | | | sand | 10.00 |
| 11.10.2017[16] | 1 | Zebbug | Karl | stablisation | 1,347.30 |
| 12.10.2017 | 2 | Zebbug | Joseph | stabilisation | 2,484.00 |
| 12.10.2017[17] | | | | Hire of pump mix | 280.00 |
| 12.10.2017 | | | | 9-hollow double bricks w/trans-each | 364.80 |
| 11.10.2017[18] | 1 | Zebbug | Joseph | stabilisation | 1,259.10 |
| 12.10.2017 | 1 | Zebbug | Joseph | stabilisation | 1,223.10 |
| 06.10.2017[19] | | | | Granulated aggregate | 33.00 |
| 06.10.2017[20] | | | | Granulated aggregate | 200.00 |

[5] fol 31 sa fol 118
[6] Fol 33
[7] fol 35
[8] fol 37
[9] fol 41
[10] fol 43
[11] fol 45
[12] fol 48
[13] fol 50
[14] fol 52
[15] fol 55
[16] fol 57
[17] fol 63
[18] fol 65
[19] fol 71

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 18.10.2017[21] | | | | Granulated aggregate | 200.00 |
| 22.09.2017[22] | 1 | Kalkara | Pawlu | Hot asphalt wearing course | 1,219.20 |
| 06.09.2017 | 2 | Sliema | Christian | Hot asphalt wearing course | 292.80 |
| 01.09.2017[23] | 20 | Tarxien | Joseph, Carl, Christian | Hot asphalt base course (qty. 136.94 tons); hot asphalt wearing course (qty. 144.28 tons) | 36,783.58 |
| 24.08.2017 | 14 | Birkirkara, Birzebbugia | Pawlu, Joseph | Hot asphalt wearing course | 28,119.38 |
| 07.08.2017[24] | 2 | Birkirkara | Karl | Hot asphalt wearing course | 240.00 |

In kontro-eżami, meta ġie suġġerit lilu li wara l-akkadut il-konvenuta ma baqgħatx tieħu xogħol minghand l-attriċi, wieġeb li jista' jkun li reġgħet ħadet. Kienet tieħu xogħol kontinwament mingħand l-attriċi iżda bdiet tħallas pagamenti żgħar u l-kont kien dejjem tiela'. Ix-xhud kien iċempel lill-adett tal-konvenuta biex iħallas. Dan qatt ma qal li ma kienx se jħallas; anzi kien jgħid li kien sejjer iħallas, u kien jirrimarkalu li anzi kien iwieġbu meta jċempillu.[25] Qatt ma qallu li ma riedx iħallsu għax irċieva tarmak ħażin. Qal li "Is-Sur Polidano qal li qallu li m'hemmx materjal biex jagħti l-wiċċ; riedu xorta biex jagħmlu u tajnihulu".[26] Dan hu *detto del detto* imma jikkorrobora dak li xehed Paul Polidano.

**Joseph Abela Galea**[27], Sindku tal-Kunsill Lokali ta' Ħal Tarxien li xehed li ma kellux pendenzi tal-konvenuta, li kienet tqabbdet qabel żmienu tagħmel xogħol ta' tarmak.

---

20 fol 72
21 fol 73
22 fol 75
23 fol 81
24 fol 117
25 fol 187
26 fol 188 it-tieni faċċata
27 fol 130A

Is-soċjeta` konvenuta ressqet dawn ix-xhieda:

- **Karl Dimech**[28] impjegat u bin waħda mid-diretturi tagħha. Ma jiftakarx il-ġurnata meta ngħata t-tarmak li nxtara mingħand l-attriċi. Kien ħażin; qalgħuh, ordnaw tarmak mingħand ħaddieħor ("Schembri ta' Ħal Far"). In kontro-eżami, ċaħad li Paul Polidano reġa' bgħatlu t-tarmak, u li kien sejjer jipproduċi, bla problema ta' xejn,[29] id-dokumenti li juru li xtrawħ mingħand Schembri.[30] Fil-fatt baqa' ma esebixxa xejn. L-avukat tal-attriċi urieħ, in sostenn ta' dak li xehed Polidano, fol 79. Ġustament ix-xhud wieġeb li ma kellhiex x'taqsam. Fil-fatt hija ta' *hot asphalt wearing course* iddestinata għal tas-Sliema u datata 06.09.2017.

- **Josephine Dimech**, omm Karl Dimech, direttriċi tal-konvenuta. In kontro-eżami, xehdet li għal darbtejn tlieta l-attriċi fornitilhom xogħol ħażin. F'Ħal Tarxien, it-tarmak ma kienx fih qatran biżżejjed u l-konkos kien inqas mill-*grade* mitlub mill-klijent. It-tarmak inqala' ftit tal-jiem wara u l-konkos m'għaddiex mit-test. Reġa' sar ix-xogħol kollu, mhux parti minnu biss. Ċaħdet li kienet ix-xita; fix-xita t-tarmak jiksaħ u ma jiġix sew.[31] Ċaħdet li rċevew bi €3,000 tarmak mingħand Polidano.

- **Christian Attard**, truck-driver mal-konvenuta. In kontro-eżami, fuq domandi ripetuti, ċaħad li kienet ix-xita u sostna li fix-xita qatt ma jagħtu tarmak. It-tieni darba ġiebu t-tarmak mingħand Schembri Brothers. Kellha tinqala' t-triq kollha; minn kantuniera sa kantuniera.

---

[28] fol 138
[29] fol 146
[30] fol 142
[31] fol 160

- **Paul Sciortino**, impjegat tal-konvenuta, li jħaddem il-magna li tqiegħed it-tarmak. Ma jiftakarx il-ġurnata meta tqiegħed it-tarmak imma kien is-sajf; Awwissu. It-tarmak inqala' għax kien nieqas mill-qatran. Tinduna bin-nuqqas wara li tqiegħdu. In kontro-eżami, saħaq li ma kinitx ix-xita; fix-xita ma jingħatax it-tarmak.

- **Paul Farrugia**, sindku ta' Ħal Tarxien fiż-żmien meta tpoġġa t-tarmak ġewwa Simmons Avenue kantuniera ma' Birżebbuga Road. Ikkonferma li meta ngħata t-tarmak hu kien imsiefer Brussell għal laqgħa tal-kumitat tar-Reġjuni, iżda malli ġie lura ftit tal-ġranet wara ra li x-xogħol kien ħażin u talab lill-konvenuta taqilgħu. L-addett tal-konvenuta qabel miegħu u biddlu. Ċaħad li kien Awwissu għaliex f'Awwissu ma jsirux laqgħat tal-imsemmi kumitat fi Brussell. Jaħseb li nqala' għaliex kien materjal ħażin. In kontro-eżami, xehed li m'għandux ideja jekk sarux testijiet fuq it-tarmak. Id-difett iżda kien jidher biċ-ċar tant li rrappurtaw xi nies lill-Prim Ministru. Biex iħallas irid jiċċertifikah il-perit tal-Kunsill.

**Analiżi tal-provi**:

Sta għall-attriċi tipprova l-eżistenza tal-kreditu tagħha u n-nuqqas ta' ħlas; u, jekk tonqos li tagħmel dan, it-talba tagħha ma tistax tintlaqa'. Jekk tonqos li ġġib din il-prova, il-konvenuta m'għandha għalfejn tipprova xejn. Dan anke jekk tonqos li tipprova l-eċċezzjoni tagħha, li f'dan il-każ hi li t-tarmak kien difettuż.

L-attriċi qiegħda titlob ħlas ta' €36,194.82 li jirriżultaw minn fattura, esibita mar-Rikors Ġuramentat, u mmarkata Dok PP1. Din tkopri

kunsinni ta' tarmak u materjal tal-bini kkunsinnat bejn it-8 ta' Lulju 2017 u l-1 ta' Marzu 2018. B'danakollu, meta xehed Kurt Debono, reġa' esebixxa l-istess fattura flimkien ma' għadd ta' *delivery orders* u *delivery notes* li jammontaw għal somma ferm ikbar minn dik pretiża. Hemm *delivery order*, datata 1 ta' Settembru 2017 partikolari iddestinata għal Ħal Tarxien li tammonta għal €36,783.58 – madwar €600 iktar mill-ammont pretiż. Kemm mir-Risposta Ġuramentata, mid-depożizzjonijiet tad-diversi xhieda, kif ukoll mit-trattazzjoni bil-fomm, jidher li t-talba tal-attriċi, minkejja kif ġiet ikkonfezzjonata, hi fil-fatt limitata għal din il-kunsinna partikolari, li saret fl-1 ta' Settembru 2017.

Fit-tieni paragrafu tar-Risposta Ġuramentata tagħha, il-konvenuta stqarret li hija qabbdet lill-attriċi "sabiex tagħmel xogħlijiet t'asfaltar ġewwa Triq Santa Marija, Ħal Tarxien u sabiex tissuplixxi materjali ta' kostruzzjoni (fi) Triq Ġużeppi Bonanno, Ħaż-Żebbuġ". L-unika difiża tagħha, hekk kif jidher mit-tielet paragrafu tal-istess Risposta Ġuramentata, li l-asfalt "huwa ta' kwalita` inferjuri". Għalhekk ma tikkwerelax la l-kwantita` ta' materjal li ġie fornit lilha u lanqas il-prezz tiegħu. Lanqas allegat li ħallset l-ammont pretiż.

Għalhekk il-Qorti hija sodisfatta li fl-1 ta' Settembru 2017 l-attriċi tabilħaqq biegħet u kkunsinnat lill-konvenuta asfalt u materjal ieħor iddestinat għal Ħal Tarxien li jiswa' €36,194.82 u li baqa' ma tħallasx mill-konvenuta.

Il-piż tal-prova li l-prodott kien ħażin jaqa' fuq spallejn il-konvenuta.

L-attriċi permezz tad-direttur tagħha Paul Polidano allegat li huwa wissa lill-konvenuta biex ma tiħux it-tarmak għaliex kienet sejra tagħmel ix-

xita. Ħaġa li ġiet miċħuda b'saħħa minn Karl Dimech, Josephine Dimech, Christian Attard u Paul Sciortino; ilkoll xhieda tal-konvenuta, anke meta dawn ġew ikkontro-eżaminati. Is-Sindku ta' dak iż-żmien, li ssorvelja t-tqegħid tat-tarmak, ma ġiex mistoqsi dwar it-temp. Għalhekk l-attriċi ma ġabitx prova sodisfaċenti li t-tarmak tqiegħed fix-xita. Dan iżda ma jsarrafx fi prova li t-tarmak kien ta' kwalita` ħażina.

Paul Polidano jallega li forna biss vjaġġ wieħed ta' tarmak, u offra li jirrimpjazzah, u li kien jiswa' madwar €3,000. Fil-fatt jirriżulta li kien hemm ħafna iktar minn vjaġġ wieħed tant li l-ammont pretiż kien ta' 'l fuq minn €36,000.

Polidano għalhekk ma rnexxilux jipprova li kienet ix-xita u l-allegazzjoni tiegħu li saret kunsinna ta' vjaġġ wieħed hija kontradetta mill-provi riżultanti. Dan forsi jista' jwassal biex inaqqas il-kredibilita` tiegħu.

B'danakollu, kien l-avukat tal-konvenuta stess li waqt li kien qiegħed jagħmillu l-kontro-eżami, wasslu biex joħroġ saħansitra b'verżjoni oħra: issuġġerixxa lil Paul Polidano li qabel il-kunsinna wissa lil Karl Dimech li l-materjal kien inferjuri. Għal dan is-suġġeriment, Polidano wieġeb hekk: "Iva, għidtlu **ma baqax ramel ta' barra**. Qalli **agħmilli pjaċir aqdini**".[32] Li jfisser l-konvenuta kienet taf bil-kwalita` ta' tarmak li kienet qed tieħu u ħadet is-sogru li din ma tkunx tajba biżżejjed.

Il-konvenuta naqset li ġġib rapport tal-periti tal-Kunsill, jew periti oħra, li jiċċertifika li l-materjal ma kienx tajjeb. Kien jinkombi fuqha li ġġib din il-prova, li kienet tkun l-aħjar prova. Skont il-liġi tagħna, għandha

[32] fol 180 it-tieni faċċata

tinġieb l-aħjar prova: "Ma jista' qatt ikun dubitat, u, anzi, huwa wkoll elementari, illi ghandha tingieb dejjem l-ahjar prova li hi fil-poter tal-parti li tipproduci. Dan għall-aħjar istruzzjoni tal-kawża".[33]

Il-konvenuta lanqas ġiebet prova li x-xogħol tat-tqegħid sar skont is-sengħa u l-arti. Għalhekk ma ppruvatx li t-tarmak inqala' bilfors minħabba materjal ħażin għaliex ma setax inqala' minħabba xogħol ħażin ta' tqegħid. Dubju dan li jiffavorixxi lill-attriċi.

Hemm ukoll indizju ieħor li jimmilita kontra l-konvenuta. Minkejja li allegatament irċiviet xogħol ħażin, mitluba tħallas tiegħu hija ma rrifjutatx li tħallas; anzi wiegħdet li kienet sejra tħallas. Ma weġbitx li kienet irċeviet xogħol ħażin. U kompliet tordna x-xogħol mingħand l-attriċi mill-1 ta' Settembru 2017 – data li fiha ġie kkunsinnat it-tarmak f'Ħal Tarxien – sad-19 ta' Diċembru 2017.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

(1) Tiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuta li l-materjal fornit kien ta' kwalita` inferjuri għal dak li ġie maqbul.

(2) Tilqa' l-ewwel talba billi tiddikjara li s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont bilanċjali ta' €36,194.82.

[33] **Mallia Carmen v Mallia Anthony 09.11.2005 QA[PS]**

(3) Tilqa’ t-tieni talba billi tordna lis-soċjeta' konvenuta tħallas l-ammont ta'  €36,194.82.

Bl-imgħax mill-1 t’Awwissu 2018 sad-data tal-ħlas effettiv u bl-ispejjeż kollha inklużi l-ispejjeż tal-ittri uffiċjali u tal-mandat ta’ sekwestru ippreżentat mal-istess ittri uffiċjali.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA